MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2013

Numru. 101/2007

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Sandro Zarb)**

**vs.**

**Patrick Grech**

Numru: 101/2007

Illum 5 ta' Marzu, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' **Patrick Grech**, ta' sebgha u erbgin (47) sena, ta' nazzjonalita' Maltija, iben Joseph u Maria neé Colombo, imwieled San Giljan fil-25 ta' Novembru 1960, residenti 'Sunrise Court', Flat 2,

Triq ix-Xabbata, Sannat, Ghawdex u detentur ta’ Karta ta’ l-Identita’ bin-Numru 750160(M) akkuzat talli:

Fix-xhur ta’ qabel is-17 ta’ Frar 2007 f’dawn il-gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u l-atti l-ohra kollha ta’ dan il-kaz.

Rat li, fis-seduta tat-18 ta’ Settembru 2008, quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-Rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-13 ta’ Frar 2012 fejn gie mitlub illi l-kawza terga’ tigi appuntata mil-gdid.

Rat id-Digriet taghha tal-14 ta’ Frar 2012 fejn il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghall-14 ta’ Marzu 2012.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 13).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 16).

Rat id-Digriet taghha tal-14 ta’ Novembru 2012 fejn giet ordnata s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ghar-ragunijiet indikati fl-istess Digriet (*a fol.* 43).

Semghet lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, inkluz ix-xiehda tal-Ufficjal Prosekutur u r-riferta ezebita minnu in segwitu tad-Digriet moghti fl-14 ta’ Novembru 2012, u lill-imputat li xehed minn jeddu b’mod volontarju.

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2012, xehed is-**Supretendent Sandro Zarb** (*a fol.* 17 *et seq.*) li qal li fis-sena 2006 kien spettur stazzjonat mat-Taqsima tal-Immigrazzjoni u kien responsabbli wkoll mill-ufficju tal-licenzji tal-armi tan-nar. Qal li kienet giet introdotta ligi dwar l-armi li kienet tippermetti, fost l-ohrajn, il-hrug ta' licenzji godda, dawk imsejha *target shooter* A u B u li kienet tawtorizza l-uzu tal-armi tan-nar li qabel kienu jkunu projbiti fosthom *pistols*, *rifles*, u anki *air guns*. Jghid li wiehed mir-rekwiziti sabiex persuna tapplika ghal tali licenzja kien li ried ikun membru ta' klabb tal-isparar licenzjat u li jipprezenta minghand l-istess klabb certifikazzjoni li hu attenda kors u tahrig dwar is-sigurta' u l-ihhendiljar tal-armi kif ukoll dwar ir-regolamenti tal-istess ligi. Jixhed li, fil-11 ta' Frar 2007, il-Pulizija kienet irceviet rapport illi l-Malta Shooting Federation kienet qed tohrog dawn ic-certifikati b'mod irregolari fis-sens li gie allegat li l-applikanti ma kienux attendew il-kors kif filfatt huwa rikjest mil-ligi. Jghid li, sussegwentement gew mitkellma numru ta' ufficjali ta' din il-federazzjoni u li, mill-provi li ngabru, gie deciz li jitwaqqaf l-ipprocessar tal-licenzjar mahrug jew ta' dawk l-applikazzjonijiet li kienu qed jigu sottoskritti jew ta' membri fi hdan il-Federazzjoni Maltija tal-Isparar. Jixhed li dan kien sar fix-xahar ta' Marzu 2007. Jghid ukoll li l-Pulizija kienet kellmet numru kbir ta' applikanti li applikaw permezz ta' rakkomandazzjoni mahruga minn dan il-klabb, fosthom kien hemm l-imputat li ttiehditlu stqarrija li giet ezebita bhala Dok. "SZ 1". Jghid li wara gie deciz li jinhargu l-akkuzi kif dedotti kontra Patrick Grech. In ezami jghid ukoll li l-imputat precedentement kien licenzjat taht il-ligi kif kienet qabel sabiex iggorr armi ohrajn tan-nar ghal ragunijiet ta' *sporting*. Jghid li kellu licenzja fuq madwar, jekk hux sejjer zball, sitt snieter. Ezebixxa wkoll ic-certifikazzjoni mahruga minn Malta Shooting Federation li ggib id-data 6 ta' Frar 2007, li giet mmarkata bhala Dok. "SZ 2".

In <u>kontro ezami</u> jghid li Dok. "SZ 2" huwa parti mill-*file* tal-applikazzjoni tal-imputat sabiex jottjeni Shooter Licence B. Jghid li dan id-dokument inqala' mill-*file* tal-applikazzjoni u li ma ttehditx direttament minn ghand l-imputat. Jghid li

dan kien gie pprezentat mill-applikant gewwa l-Ghassa tal-Pulizija fil-Belt Victoria, Ghawdex, *"jidhirli fil-bidu ta' Frar tal-elfejn u sebgha (2007)"* (*a fol.* 18). Mistoqsi jghid jekk minn dan id-dokument jirrizultax li kien l-imputat innifsu li pprezenta dan id-dokument, is-Supretendent Sandro Zarb jghid illi mid-dokument innifsu dan ma jirrizultax pero' jghid li dan jirrizulta mix-xhieda li ser tressaq il-Pulizija fi stadju ulterjuri. Jghid ukoll li l-firem fuq id-dokument huma ta' certu Grezzju Abela u ta' certu Jimmy Bugeja li huma ufficjali tal-Federation Maltija tal-isparar. Jghid li l-konnessjoni mal-imputat vis-à-vis dan id-dokument kien li huwa l-obbligu fuqu, cioé fuq l-imputat, li jipprezenta dik ic-certifikazzjoni gewwa l-Ghassa tal-Pulizija biex tigi processata l-applikazzjoni. Mistoqsi jghid jekk meta l-imputat irrilaxxa l-istqarrija jekk huwa nghatax id-dritt li jikkonsulta ma' avukat, wiegeb fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2012, in segwitu tad-Digriet moghti fl-14 ta' Novembru 2012, rega' xehed is-**Supretendent Sandro Zarb** (*a fol.* 45) li xehed li l-imputat gie notifikat fit-13 ta' Frar 2012 fis-sebgha neqsin kwart ta' filghaxija (6.45pm). Giet ezebieta riferta pozittiva tal-imputat, li giet immarkata bhala Dok. "SZ 3".

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2012, xehed **PS 678 Bernard Bunce** (*a fol.* 20 *et seq.*) li jghid li ilu stazzjonat il-Weapons Office minn Jannar tal-2007. Wara li gie muri Dok. "SZ 2", ikkonferma li huwa kien xhud ta' stqarrija wara li l-imputat kien gie moghti s-solita twissija u li l-imputat kien ghazel li jiffirma. Ra wkoll Dok. "SZ 2" u gharaf ukoll il-firma tieghu fuq dan id-dokument. Ix-xhud jghid li kien irrizulta li kien hemm membri ta' ghaqdiet li kienu applikaw ghal-licenzja ta' *target shooter* u li certu nies ma kienux qed jattendu ghall-kors mitlub bil-ligi li jgibu din il-licenzja. Jghid illi, wara dahal dan ir-rapport, kienet infethet investigazzjoni u li kienu tkellmu kull min applika mal-pulizija. In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-imputat ma kienx inghata l-opportunita li jikkonsulta ma' avukat qabel gie mitkellem.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2012, xehdet **WPC 193 Diane Cilia** (*a fol.* 28 *et seq.*) li tghid li ilha stazzjonata l-

Weapons Office madwar ghaxar snin u tispjega li sabiex persuna tkun tista' tinghata licenzja, persuna tkun trid taghmel kors u ggib certifikat u b'dan ic-certifikat tkun tista' ssir l-applikazzjoni. Tghid li l-applikant imur hu u jiehu l-karta tal-identita' tieghu u jiffirma l-applikazzjoni wkoll. Meta giet murija Dok. "SZ 2" (*a fol.* 24) tghid li minn dak id-dokument jirrizulta illi l-imputat kien attenda kors ghal *target shooting* tal-*federation* tal-*air weapons* u b'dan applikawlu sabiex ikun jista' jaghmel l-*application* Target B ghal *air weapons*. Tghid li dan huwa l-istess certifikat li ghamlet riferenza ghalih aktar qabel fix-xiehda taghha.

In <u>kontro ezami</u> tghid li Dok. "SZ 2" (*a fol.* 24) gie mahrug mill-Malta Shooting Federation u meta giet mistoqsija tghid min iffirma dan ic-certifikat twiegeb li dan gie iffirmat mir-*range officer*. Tghid li mhux qed taghraf l-isem. Mistoqsija tghid jekk hux qed taghraf il-firma tal-imputat twiegeb li mhux qed taghrafha. Tispjega li huma jiffirmawlhom l-applikazzjoni u generalment igibulhom ic-certifikati. Mistoqsija tghid min huwa r-*range officer* tghid li mhux taghraf il-firma tieghu.

[Waqt li kien qed isir il-kontro-ezami ta' WPC 193 Diane Cilia l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li ebda wiehed mill-applikanti ma jiffirma certifikat (*a fol*. 30)].

Illi, fl-istess seduta tad-19 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **PS 165 Jason Gilson** (*a fol.* 31 *et seq.*) li meta gie muri Dok. "SZ 1" (*a fol.* 22) li qal li din hija l-istqarrija rilaxxata mill-imputat li kien hadha hu stess fil-prezenza ta' PS 678 Bernard Bunce. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla. Jghid li kienet inghatat is-solita twissija qabel giet irrilaxxata din l-istqarrija. Jghid wkoll li l-imputat ghazel li jiffirma l-istqarrija.

In <u>kontro ezami</u>, ix-xhud jghid li jiftakar li lill-imputat kien qallu li ser jiehdu stqarrija rigward id-dikjarazzjoni li kienu ghamlu xi ezami biex jinghataw il-licenzja fejn l-istess ezami huma kienu qed jissuspettaw li ma kienx sar. Ix-xhud gie muri Dok. "SZ 2" (*a fol*. 24) u qal li dan huwa wiehed mid-dikjarazzjonijiet li kienet tohrog il-Malta Shooting Federation. Jghid li mill-*statement* jirrizulta li

kienu staqsewh fuqu dan lill-imputat. Ix-xhud jghid li l-firma li tidher fuq dan id-dokument hija firma ta' Rennie Grech, is-Segretarju, u li l-firma l-ohra ma jiftakarx ezatt ta' min hi. Meta gie mistoqsi in kontro ezami jghid jekk l-imputat qallhomx illi xi firma tieghu kienet fuq dan id-dokument, ix-xhud wiegeb li ma jidhirlux li fl-i*statement* kien staqsieh. Jghid illi x-xhud kien iffirma l-istqarrija u qal ukoll li l-firma tal-imputat ma taqbilx ma' xi firem ohra.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2012, xehed **l-imputat** (*a fol.* 36 *et seq.*) li qal li hu applika ghal *rifle*, *air gun* u li kien applika ghand il-Magru Gun Shop li huwa *dealer* tal-armi li jinsab ir-Rabat Malta u li dan infurmah li jrid jidhol membru go klabb minhabba dan ir-*rifle* u hu dahal membru gol-klabb. Jghid li dan il-klabb huwa l-Club Shooting Federation u wara li kien mela l-formola tas-soltu, wara ftit granet cemplulu tas-Shooting Club u qalulu li jrid jattendi *seminar*. Jghid li mar ghas-*seminar* u li kien hemm suldat tal-armata li spjegalhom fuq is-*safety* u jghid li kif spicca s-*seminar* mar hu u tnejn ohra quddiem wiehed, certu Grezzju, illi jghid li sa fejn jaf hu huwa l-PRO tal-klabb u talbu biex jaghtih ircevuta jew karta, cioé xi haga li turi li hu attenda ghas-seminar. Jixhed li dan il-persuna qallu *"Le"* (*a fol.* 37) u qallu: "*issa minn issa 'l hemm kollox f'idejna, immexxu kollox ahna"* (*a fol.* 37). Jghid li wara li kien qallu li ried xi haga x'juri, cioé li juri li hu attenda kors, dan rega' wiegbu li kollox kien f'idejhom (cioé kollox f'idejn il-klabb). Jghid li wara ghadda z-zmien u rcieva telefonata mill-ufficju tas-Supretendent, dak iz-zmien Spettur, u qallu li jrid ikellmu. Meta gie mistoqsi jghid meta kien attenda l-kors jghid li ma kienx mija fil-mija ezatt imma jghid li kien fil-qrib tal-bidu ta' Marzu ta' hames snin ilu. Jghid li fl-ebda hin ma mela xi dokumenti u jghid li fl-ebda hin ma ffirma xi dokumenti.

In <u>kontro-ezami</u> x-xhud ikkonferma li kien irrilaxxa l-istqarrija lill-Pulizija u jghid li hu ghamel il-kors gewwa l-Bidnija fl-ewwel Hadd ta' Marzu ta' hames snin ilu. Meta gie mistoqsi jghid li fl-applikazzjoni tieghu ipprezentax xi certifikat li hareg mil-*association*, cioé mil-federazzjoni tal-isparar fil-Bidnija, l-imputat wiegeb *"Le"* (*a fol.* 38). Meta mistoqsi jghid x'ghamel bhala parti mill-iprocessar tal-

applikazzjoni jghid li din il-karta li talab hu stess lil certu Grezzju tal-Bidnija ma raha qatt quddiem ghajnejh. Meta gie mistoqsi jghid qattx applika ghal xi licenzja, l-imputat wiegeb hekk: *"Le. Ma niftakarx ezatt imma zgur li ma mortx"* (*a fol.* 38). Jghid li d-*dealer* kien imlielu l-applikazzjoni u meta gie mistoqsi jghid jekk f'xi hin marx l-Ghassa tal-Pulizija, wiegeb hekk *"Le, jien ma niftakarx li mort"* (*a fol.* 38). Wara qal hekk: *"ma niftakarx li mort"* (*a fol.* 38). Meta l-Ufficjal Prosekutur qallu jekk jiftakarx li kienet xehdet il-Kuntistabbli tal-Pulizija li qalet li hu kien mar b'din l-applikazzjoni, l-imputat wiegeb *"Le, le, le, ma mortx"* (*a fol.* 39). Meta gie muri Dok. "SZ 2" jghid li hu qatt ma rah b'ghajnejh dan. L-ufficjal prosekutur ghamillu riferenza ghad-dokument "SZ 1" (*a fol.* 23) specifikament ghal kliem fejn qal *"u li jien kont diga ghaddejt il-karti kollha l-Ghassa qabel ma ghamilt dan il-kors"* u l-imputat wiegeb hekk: *"Jiena, jiena ghax jghaddi certu zmien, jiena qatt ma mort bil-karti l-Ghassa"* (*a fol.* 39).

**Ikkunsidrat**

Illi d-difiza, fit-trattazzjoni taghha (*fol.* 40 *et seq)* teccepixxi l-preskrizzjoni ta' hames snin u taghti r-ragunijiet taghha ghal dan. Illi minn qari tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, l-imputat gie akkuzat talli *"fix-xhur ta' qabel is-17 ta' Frar 2007"*. Mir-riferta ezebita mill-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2012, jirrizulta li l-imputat gie notifikat fit-13 ta' Frar 2012. Dan ma giex kontestat mid-difiza. Ghaldaqstant, ma ngabitx raguni valida ghala ghandha tigi milqugha l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u b'hekk tali eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi, fir-rigward tal-mertu tal-kawza, il-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghall-istqarrija rilaxxata mill-imputat u li tinsab esebita fl-atti ta' dawn il-proceduri bhala Dok. "SZ 1" (*fol.* 22 *et seq).* Mill-istqarrija rilaxxata mill-imputat, jirrizulta li l-istess imputat gie nfurmat li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma xtaqtx li jitkellem u li dak li jghid setgha jingieb bhala prova. Ma jirrizultax li l-imputat inghata zmien jikkonsulta ruhu ma' avukat qabel kellem lill-pulizija. Dana ma setghax isir ghaliex il-ligi vigenti f'dak

iz-zmien, u cioe’ f’Marzu 2007, ma kinitx taghti d-dritt lill-imputat jaghmel dan. Illi ghalhekk il-konfessjoni maghmula mill-imputat saret bi vjolazzjoni ta’ drittijiet fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq u dana kif sanciti kemm fil-Kostituzzjoni taghna kif ukoll fl-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dana qed jinghad in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alvin Privitera**, **Il-Pulizija vs. Mark Lombardi** u **Il-Pulizija vs. Esron Pullicino**.[1] Apparti minn dan, jirrizulta wkoll mill-fedina penali tal-imputat, li l-imputat ma jistax jitqies bhala wiehed midhla tal-Qrati jew li b’xi mod jidher li ghandu kondotta raffrettarja u dana stante li l-fedina penali tal-imputat hija wahda nadifa. Ghaldaqstant, in vista ta’ dak li nghad fuq, l-istqarrija rilaxxata mill-imputat ghandha u qed tigi skartata mill-Qorti.[2]

Illi, in segwitu ta’ dan u minn analizi tax-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u mid-dokumenti ezebiti, specifikament il-formola bl-intestatura “Subject: Application for a new License” (Dok. “SZ 2” – *a fol.* 24), din il-formola ggib l-firma ta’ zewg persuni, wiehed minnhom jidher li huwa certu Rennie Grech. Da parte tieghu, l-Ufficjal Prosekutur jghid li l-firem fuq dan id-dokument huma ta’ certu Grezzju Abela u ta’ certu Jimmy Bugeja (*a fol.* 18). Minn naha l-ohra, PS 165 Jason Gilson jghid li wahda mill-firem hija ta’ Rennie Grech (*a fol.* 33). Huma ta’ min huma l-firem, ebda wiehed minn dawn il-persuni ma ntalbu joffru x-xiehda taghhom f’dawn il-proceduri. Apparti dan, fuq dan id-dokument l-imputat ma ffirmax.

Illi, fuq domanda in kontro-ezami jekk mid-dokument Dok. “SZ 2” jirrizultax li kien l-imputat innifsu li pprezenta dan id-dokument, l-Ufficjal Prosekutur jghid illi mid-dokument innifsu dan ma jirrizultax. Minkejja li l-istess Ufficjal Prosekutur jghid li l-konnessjoni mal-imputat vis-à-vis dan id-dokument kien li huwa l-obbligu fuqu, cioé fuq l-imputat, li jipprezenta dik ic-certifikazzjoni gewwa l-Ghassa tal-

[1] Sentenzi decizi fil-11.4.11 u 12.4.11 rispettivament.
[2] *Vide* **Pulizija vs. Robert Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta’ Lulju 2012.

Pulizija biex tigi processata l-applikazzjoni, huwa car li l-imputat kien qieghed jistrieh fuq ic-certifikat mahrug mill-Malta Shooting Federation izda hu ma kellu ebda kontroll fuq l-istess certifikat.

Illi minn imkien ma jirrizulta li l-imputat kiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih b'dan id-dokument. Ghall-imputat id-dokument li harget il-Federazzjoni kien tajjeb. Ma tirrizulta l-ebda prova li tista' twassal ghal sejbien ta' htija tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ghalhekk tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------